*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0334/2021**

7.6.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-fehmiet tal-Parlament dwar il-valutazzjoni li qed issir mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (2021/2738(RSP))

**Dimitrios Papadimoulis, José Gusmão**
f'isem il-Grupp The Left

**B9-0334/2021**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-fehmiet tal-Parlament dwar il-valutazzjoni li qed issir mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza**
**(2021/2738(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 174 u 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1] (ir-Regolament dwar l-RRF),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar id-dritt għall-informazzjoni tal-Parlament rigward il-valutazzjoni li għaddejja tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Regolament dwar l-RRF ġie adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

B. billi l-RRF hija strument mingħajr preċedent f'termini ta' volum u mezzi ta' finanzjament; billi l-Kummissjoni qed tipprepara biex toħroġ dejn komuni tal-UE għall-ewwel darba, peress li l-Istati Membri kollha tal-UE issa rratifikaw b'suċċess id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji[3];

C. billi l-kontroll demokratiku u l-iskrutinju parlamentari fuq l-implimentazzjoni tal-RRF huma possibbli biss bl-involviment sħiħ tal-Parlament fl-istadji kollha;

D. billi l-Artikolu 26 tar-Regolament dwar l-RRF jistabbilixxi djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiżgura trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar u sabiex il-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni lill-Parlament dwar, fost affarijiet oħra, il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) tal-Istati Membri u l-valutazzjoni tagħhom;

E. billi l-Parlament jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar il-kwistjonijiet diskussi bħala parti mid-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza, inkluż permezz ta' riżoluzzjonijiet u skambji mal-Kummissjoni; billi l-Kummissjoni għandha tqis dawn il-fehmiet;

F. billi l-RRF hija bbażata fuq l-Artikolu 175 tat-TFUE, li jfittex li jikseb l-objettivi

[1] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.
[2] Testi adottati, P9_TA(2021)0257.
[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-TFUE;

G. billi fir-rigward tad-dimensjoni soċjali tal-RRF, ir-regolament jistabbilixxi li l-objettiv ġenerali huwa l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jittaffa l-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi, b'mod partikolari fuq in-nisa, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għall-konverġenza soċjali 'l fuq u jrawwem il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja;

H. billi l-objettiv speċifiku tal-RRF huwa li tipprovdi lill-Istati Membri b'appoġġ finanzjarju biex tgħinhom jiksbu l-istadji importanti u l-miri ta' riforma u investiment stabbiliti fl-NRRPs tagħhom; billi dan ifisser li kwalunkwe azzjoni fil-pjanijiet (inklużi investimenti diġitali u ekoloġiċi) u r-riformi u l-investimenti miftiehma trid tikkontribwixxi għall-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-konverġenza soċjali 'l fuq; billi l-azzjonijiet li ma jikkontribwixxux għal dawn l-objettivi soċjali mhumiex konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-RRF;

I. billi bħala regola, l-Istati Membri kellhom jippreżentaw l-NRRPs tagħhom lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2021; billi sal-lum, 23 Stat Membru ppreżentaw l-NRRPs tagħhom lill-Kummissjoni;

1. Iqis li l-RRF tikkostitwixxi strument storiku tal-UE biex tgħin lill-Istati Membri jtaffu l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19, jistabbilixxu l-ekonomiji tagħhom fuq trajettorji ta' tkabbir b'saħħithom u sostenibbli, iħejju lill-UE biex tindirizza sfidi fit-tul bħat-tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali sabiex jitrawwmu l-koeżjoni u l-konverġenza ekonomiċi, soċjali u territorjali, u jiġġeneraw valur miżjud tal-UE;

2. Jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi valutazzjonijiet fil-fond u komprensivi qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni rilevanti tal-Kunsill, filwaqt li jilqa' l-isforzi tagħha biex tiżgura l-adozzjoni malajr tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill rilevanti marbuta mal-NRRPs qabel is-sajf, u l-impenn kontinwu tagħha mal-Istati Membri biex tgħinhom iwettqu pjanijiet ta' kwalità għolja;

3. Jissottolinja li skont l-Artikolu 175 tat-TFUE, l-RRF trid tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-TFUE;

4. Jinsab konvint li l-fondi jridu jitqassmu b'mod ġust bejn is-soċjetajiet biex jiġi żgurat l-ogħla impatt possibbli fuq il-konverġenza soċjali 'l fuq u dik territorjali, il-benesseri u l-istabilità ekonomika; jitlob li jkun hemm trasparenza u responsabilità sħiħa fl-allokazzjoni u l-użu tal-fondi;

5. Itenni t-talba tal-Parlament biex jiġi żgurat id-dritt ta' informazzjoni tal-Parlament rigward il-valutazzjoni tal-NRRPs għaddejja bħalissa, sabiex ikun jista' jsir skrutinju demokratiku impekkabbli tal-Parlament fil-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tal-RRF mill-Kummissjoni;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar il-kontenut tar-riformi strutturali nnegozjati mal-Istati Membri fil-kuntest tal-NRRPs tagħhom, b'mod partikolari meta dawn ma kinux inklużi fil-pjanijiet inizjali;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa jekk u sa liema punt kull NRRP jikkontribwixxi b'mod effettiv għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-RRF b'mod komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat; ifakkar li kull miżura għandha tikkontribwixxi għal wieħed jew aktar mill-oqsma ta' politika ta' rilevanza Ewropea strutturati fis-sitt pilastri;

8. Jinnota li, skont il-Kummissjoni, il-pjanijiet kollha ppreżentati formalment jilħqu l-miri tal-klima u tal-investiment diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-aspett kwalitattiv tal-investimenti proposti biex tiżgura li dawn jilħqu kemm il-miri kwantitattivi kif ukoll dawk kwalitattivi:

9. Ifakkar li skont ir-Regolament dwar l-RRF, l-RRF ma tridx tiffinanzja nefqa nazzjonali rikorrenti, minbarra f'każijiet debitament ġustifikati, u trid tiġġenera valur miżjud Ewropew, b'partikolari, iżda mhux biss, il-proġetti transfruntiera;

***Tranżizzjoni ekoloġika***

10. Jilqa' l-fatt li l-investiment ekoloġiku taħt l-RRF se jkun parzjalment iffinanzjat mill-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi;

11. Jenfasizza li f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI għar-Regolament dwar l-RRF, il-pjanijiet kollha għandhom jiddedikaw mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni totali (għotjiet u self) għall-klima; jistieden lill-Kummissjoni toqgħod attenta meta tivvaluta l-mira ta' nfiq ta' 37 % għall-klima biex il-miżuri ma jiġux ittaggjati b'mod doppju jew ħażin u tipprevjeni l-greenwashing; jinsab imħasseb li xi investimenti huma mmarkati bħala investimenti ekoloġiċi minkejja li mhumiex koperti mill-metodoloġija ta' trekkjar stabbilita fl-Anness VI; jissuġġerixxi li jiġi applikat skrutinju addizzjonali fuq kwalunkwe estensjoni tal-metodoloġija tal-ittaggjar ekoloġiku fl-Anness VI;

12. Ifakkar li d-dispożizzjonijiet "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huma għodda kruċjali biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni ekoloġika, flimkien mar-rekwiżit li minimu ta' 37 % tan-nefqa (għotjiet u self) fuq l-investimenti u r-riformi li jinsabu f'kull NRRP għandu jappoġġja l-objettivi klimatiċi, u biex jiġi evitat il-finanzjament ta' miżuri li jikkontradixxu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni; ifakkar li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huwa prinċipju orizzontali tar-Regolament dwar l-RRF u li, sussegwentement, il-miżuri kollha jridu jirrispettaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija; jinsab imħasseb, f'dan il-kuntest, dwar in-nuqqas ta' konformità ma' dan il-prinċipju fil-valutazzjoni tal-pjanijiet u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rispett sħiħ għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", u biex tippubblika l-valutazzjonijiet kollha tal-kriterji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għall-pjanijiet kollha;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika ħarsa ġenerali komprensiva tan-nefqa u/jew tal-miżuri relatati mal-bijodiversità elenkati fl-NRRPs; jinsab imħasseb li l-biċċa l-kbira tal-NRRPs fihom miżuri limitati ħafna jew l-ebda miżura favur il-bijodiversità; jistenna li l-Kummissjoni tapplika b'mod strett il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" f'dak ir-rigward ukoll, u b'mod partikolari tirrifjuta riformi jew investimenti li jistgħu jagħmlu ħsara lill-bijodiversità jew li ma jkunux akkumpanjati minn miżuri adegwati ta' akkumpanjament;

*Trasformazzjoni diġitali*

14. Ifakkar li għal investimenti fil-kapaċitajiet u l-konnettività diġitali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu, fil-pjanijiet tagħhom, awtovalutazzjoni tas-sigurtà bbażata fuq kriterji oġġettivi komuni li jidentifikaw kwalunkwe kwistjoni ta' sigurtà, u li jagħtu dettalji dwar kif dawk il-kwistjonijiet ser jiġu indirizzati biex jikkonformaw mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-NRRPs kollha li fihom investimenti bħal dawn jipprovdu din il-valutazzjoni u li l-miżuri rispettivi ma jmorrux kontra l-interessi strateġiċi tal-Unjoni;

15. Jemmen li l-investimenti ekoloġiċi u diġitali għandhom potenzjal kbir għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-komunitajiet u r-reġjuni l-aktar vulnerabbli, bħar-reġjuni tal-faħam u l-linjite fi tranżizzjoni u l-ħaddiema tagħhom, u dawk l-aktar affettwati mit-tibdil fil-klima, jibbenefikaw minn investiment ekoloġiku u diġitali; jenfasizza li r-redditu soċjali mistenni fuq l-investimenti ekoloġiċi u diġitali għandu jiġi definit ex ante fl-NRRPs sabiex jiġi żgurat impatt massimu;

***Spinta lit-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u territorjali, u l-benesseri***

16. Jilqa' b'mod partikolari l-miżuri fl-NRRPs ppreżentati biex jappoġġaw it-tkabbir ġust, sostenibbli u inkluživ, isaħħu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja, jiġġieldu l-faqar u l-inugwaljanza, jippromwovu l-aċċess ġeneralizzat għall-kultura u l-edukazzjoni, jiżviluppaw kwalifiki u ħiliet edukattivi, jappoġġaw lit-tfal u liż-żgħażagħ, iżidu t-tħejjija għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet, u jimmitigaw l-effetti tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-ekonomija;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-NRRPs jagħtu attenzjoni adegwata lill-miżuri għat-tfal u ż-żgħażagħ, speċjalment f'pajjiżi fejn ġew identifikati problemi strutturali f'oqsma bħat-tluq bikri mill-iskola, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-faqar fost it-tfal; jinsisti li r-riformi u l-investimenti fiż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk relatati mal-ħiliet u l-edukazzjoni, għandhom ikunu allinjati mal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' kwalifiki edukattivi flimkien max-xiri ta' tagħmir; jenfasizza li r-riformi u l-investimenti għat-tfal għandhom ikunu allinjati mal-prinċipji tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u jiffukaw fuq id-dritt ta' aċċess għal kura tas-saħħa mingħajr ħlas, edukazzjoni b'xejn, kura tat-tfal b'xejn, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adegwata għal kull tifel u tifla li jgħixu fil-faqar;

18. Jenfasizza s-Summit Soċjali f'Porto fis-7 u t-8 ta' Mejju 2021, li waqtu l-mexxejja tal-UE rrikonoxxew il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala element fundamentali tal-irkupru, u enfasizzaw id-determinazzjoni tagħhom li jkomplu jsaħħu l-implimentazzjoni tiegħu fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, fid-dikjarazzjoni ta' Porto;

19. Jilqa' l-appoġġ għall-Istati Membri li jinsab fil-miżuri ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-inizjattivi tal-UE fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, jissaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jitnaqqsu l-inugwaljanzi u l-vulnerabbiltajiet; ifakkar lill-Kummissjoni li l-NRRPs għandhom jikkonformaw b'mod sodisfaċenti mal-kriterji ta' valutazzjoni u jistedinha tivvaluta bir-reqqa l-konsegwenzi soċjali u l-impatt ta' kull miżura biex tiżgura l-konformità mar-Regolament RRF. jinsisti, għalhekk, li l-

Kummissjoni tiżgura li kull NRRP jirrifletti b'mod adegwat dawn il-kriterji;

20. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Kunsill jiżguraw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-integrazzjoni ta' dawk l-objettivi, jiġu kkunsidrati u promossi matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-NRRPs; jinsab imħasseb ħafna li l-biċċa l-kbira tal-NRRPs mhumiex qed jikkontribwixxu b'mod sinifikanti u jintegraw dawn l-objettivi u jonqsu milli jinkludu miżuri espliċiti u konkreti biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri, u b'hekk jipperikolaw il-kapaċità ta' dawk il-pjanijiet li jtaffu l-effetti soċjali u ekonomiċi tal-kriżi fuq in-nisa;

21. Jenfasizza li l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, flimkien ma' kompetizzjoni fiskali dannuża, inaqqsu d-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri; ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-Istati Membri li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa; jinkwieta li dawn l-iskemi jistgħu jdgħajfu s-solidarjetà inerenti fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-NRRPs f'termini tal-indirizzar ta' miżuri nazzjonali meqjusa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa jew l-evitar tat-taxxa, jew miżuri ineffettivi kontra l-ħasil tal-flus;

22. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-NRRPs jridu jindirizzaw l-ostakli kritiċi fl-ekonomiji tal-Istati Membri; jenfasizza li l-miżuri kollha, u b'mod partikolari dawk marbuta mat-trasformazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, jenħtieġ li jiġu vvalutati wkoll minn perspettiva soċjali sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' telf ta' impjiegi, tfixkil fis-suq tax-xogħol u polarizzazzjoni tal-impjiegi minħabba l-qerda ta' impjiegi li jirrikjedu ħiliet medji, u jiġi żgurat li d-diġitalizzazzjoni u l-proċessi ta' tranżizzjoni ekoloġika tal-kumpaniji ma jintużawx bħala skuża għal strateġiji għat-tnaqqis tal-ispejjeż permezz tal-iffrankar tax-xogħol;

23. Jenfasizza li l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità huwa wieħed mill-objettivi inklużi fir-Regolament RRF u li dan għandu jsir permezz ta' pakkett kumprensiv ta' riformi u investimenti kif ukoll miżuri li jiżguraw kuntratti stabbli, pagi deċenti, kopertura tan-negozjar kollettiv u limiti minimi ta' protezzjoni soċjali, inklużi pensjonijiet deċenti 'l fuq mis-soll tal-faqar; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dawn l-indikaturi fil-linji gwida għall-valutazzjoni tal-progress soċjali fl-ambitu tal-NRRPs; jirrimarka li r-riformi tas-suq tax-xogħol imwettqa bħala parti mill-NRRPs iridu jkunu konformi mal-kisba ta' dawn l-objettivi;

24. Huwa mħasseb dwar il-koordinazzjoni limitata bejn l-NRRPs u l-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi tal-UE; Jinsisti li l-Istati Membri jrawwmu sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi tal-UE;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta sa liema punt ir-riformi u l-investimenti li saru fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jippermettu li jingħalaq id-distakk fl-investiment fl-UE stmat mill-Kummissjoni, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà klimatika, ambjentali u soċjali, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;

***Involviment tal-partijiet ikkonċernati***

26. Ifakkar li l-Artikolu 152 tat-TFUE jistabbilixxi li l-Unjoni tirrikonoxxi u tippromwovi r-rwol tas-sħab soċjali fil-livell tagħha, u jeħtieġ jirrispetta l-awtonomija tagħhom. jenfasizza li l-involviment adegwat tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, bħall-parlamenti nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-NRRPs se jkun deċiżiv fis-suċċess tal-NRRPs u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza b'mod ġenerali, sabiex tissaħħaħ is-sjieda nazzjonali tal-pjanijiet, jiġi żgurat l-assorbiment rapidu, trasparenti, effettiv u xieraq tal-fondi, tiżdied it-trasparenza, u jiġu evitati d-duplikazzjoni, id-diskrepanza u l-finanzjament doppju; itenni t-tħassib imqajjem mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u minn ħafna partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas totali, jew l-involviment limitat ħafna, tal-partijiet ikkonċernati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza; iwissi li l-miżuri kollha skont l-NRRPs għandhom jirrispettaw bis-sħiħ, il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, u r-rwol tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti;

*Adozzjoni u implimentazzjoni rapida*

27. Jinsisti li l-miżuri rilevanti kollha approvati mill-Kummissjoni jridu jiġu kkomplementati minn stadji importanti, miri u spejjeż li huma rilevanti, ċari, dettaljati u mmonitorjati b'mod adegwat, u li jirrappreżentaw impenji ċari mill-Istati Membri;

28. Jfakkar lill-Kummissjoni li l-investimenti għandhom ikunu akkumpanjati minn riformi u jħeġġiġha tiżgura li l-investimenti retroattivi approvati kollha jkunu akkumpanjati b'mod ċar minn riformi korrispondenti bi stadji importanti u miri ċari; jinnota li n-nuqqas ta' proġetti verament addizzjonali ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jista' jillimita l-impatt makroekonomiku tagħha;

29. Jissottolinja li s-suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tal-NRRPs jirrikjedi trasparenza u responsabbiltà sodi mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab kollha inkarigati mill-implimentazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtiġijiet tas-servizzi rilevanti u tal-korpi tal-UE, bħall-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), u tipprovdilhom ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex isir skrutinju effettiv tal-implimentazzjoni xierqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

30. Jenfasizza li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u kull wieħed mill-NRRPs għandhom jirrispettaw bis-sħiħ ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt[4] u jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-arranġamenti proposti mill-Istati Membri biex jipprevjenu, jidentifikaw u jirrimedjaw il-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza sħiħa fir-rigward tal-iskeda ta' żmien għall-approvazzjoni tal-atti delegati sussegwenti għar-Regolament RRF, u tqis il-komponenti rilevanti tad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza għall-approvazzjoni rapida tagħhom, jiġifieri l-atti delegati dwar it-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-

[4] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.

reżiljenza u dwar il-metodoloġija għar-rappurtar tan-nefqa soċjali, inkluż l-infiq fuq it-tfal u ż-żgħażagħ;

32. Jenfasizza l-importanza li jintlaħaq qbil dwar metodoloġija ta' traċċar soċjali biex l-NRRPs jiġu evalwati *ex ante*, sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet stabbiliti fil-pjanijiet jikkontribwixxu għall-objettivi soċjali stabbiliti fir-Regolament RRF; jemmen li l-metodoloġija ta' traċċar soċjali jeħtieġ issegwi l-istruttura tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tanalizza l-kontribut tal-azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' kull wieħed mill-20 prinċipju tal-pilastru; jiddikjara li t-tabella u l-indikaturi komuni meħtieġa biex jiġi evalwat il-progress tal-implimentazzjoni tal-NRRPs f'kull wieħed mis-sitt pilastri lejn il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi hemm bżonn li jkunu effiċjenti; jinsisti li l-aħjar mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex isegwi l-progress lejn konverġenza soċjali 'l fuq huwa t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tas-Semestru Ewropew u għalhekk jissuġġerixxi li din it-tabella ta' valutazzjoni tiġi integrata fl-indikaturi komuni bħala għodda għall-monitoraġġ tal-progress soċjali;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-indikaturi soċjali mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, b'mod partikolari dawk relatati max-xogħol deċenti, il-ġustizzja soċjali, l-opportunitajiet indaqs, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali robusti u l-mobbiltà ġusta, fl-indikaturi komuni li għandhom jintużaw fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għar-rappurtar dwar il-progress u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet, kif ukoll fil-metodoloġija għar-rappurtar għall-intraċċar soċjali, inkluż għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jisħaq fuq il-fatt li l-Parlament se janalizza mill-qrib l-atti delegat li l-Kummissjoni ppreżentat dwar din il-kwistjoni, sabiex jistabbilixxi jekk l-indikaturi soċjali, it-tabella ta' valutazzjoni u l-metodoloġija soċjali jikkonformawx mal-objettivi, u jivverifika li m'hemmx oġġezzjonijiet xi jsiru;

***Konklużjonijiet***

34. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-pjanijiet ippreżentati b'mod adegwat u f'konformità mar-Regolament RRF; jesprimi tħassib serju dwar il-konformità ta' diversi miżuri fil-NRRPs mar-rekwiżiti tar-Regolament RRF sottostanti u jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi ġustifikazzjonijiet u spjegazzjonijiet dettaljati;

35. Ifakkar lill-Kunsill li, partikolarment fl-istadju tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni, "l-eżiti rilevanti tad-diskussjonijiet li jsiru fil-korpi preparatorji tal-Kunsill għandhom jiġu kondiviżi mal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew";

36. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi approċċ miftuħ, trasparenti u kostruttiv matul id-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza;

37. Ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-2020 għal pjan ta' rkupru aktar b'saħħtu u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jivvalutaw jekk fondi addizzjonali u/jew l-estensjoni jew l-istabbiliment permanenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jkunux meħtieġa biex tiġi indirizzata l-kriżi;

°

° °

38. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni.